II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2020/555

tat-22 ta' April 2020

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tagħha

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tiżgura li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jiffunzjona bla xkiel, anke f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

(2) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, jekk parti jew il-Membri kollha tal-Kummissjoni ma jitħallewx jattendu laqgħa tal-Kummissjoni personalment, il-President jista' jistieden lil dawn biex jipparteċipaw permezz ta' sistemi ta' telekomunikazzjoni li jippermettu l-identifikazzjoni u l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom.

(3) Il-membri li jipparteċipaw f'laqgħa tal-Kummissjoni permezz ta' sistemi ta' telekomunikazzjoni għandhom jitqiesu bħala preżenti għall-finijiet tal-kworum.

(4) Għall-awtentikazzjoni tal-atti adottati f'tali laqgħa l-firma tan-nota sommarja mill-President u s-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni jistgħu jiġu sostitwiti bil-kunsens bil-miktub tagħhom.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni ([1]) huma emendati kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"F'ċirkostanzi eċċezzjonali, jekk parti jew il-Membri kollha tal-Kummissjoni ma jitħallewx jattendu laqgħa tal-Kummissjoni personalment, il-President jista' jistieden lil dawn biex jipparteċipaw permezz ta' sistemi ta' telekomunikazzjoni li jippermettu l-identifikazzjoni u l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom."

(2) Fl-Artikolu 7, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta l-President jagħmel użu mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2), il-Membri tal-Kummissjoni li jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet permezz tas-sistemi ta' telekomunikazzjoni msemmija fih għandhom jitqiesu bħala preżenti għall-finijiet tal-kworum."

(3) Fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Meta l-President jagħmel użu mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2), il-persuni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' hawn fuq jistgħu jattendu l-laqgħat permezz tas-sistemi tat-telekomunikazzjoni msemmija fl-imsemmi subparagrafu."

([1]) ĠU L 308, 8.12.2000, p. 26.

(4) Fl-Artikolu 17(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta l-President jagħmel użu mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2), u meta ċ-ċirkostanzi ma jippermettux li tiġi ffirmata n-nota, il-kunsens espliċitu bil-miktub tal-President u s-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni jistgħu eċċezzjonalment jissostitwixxu l-firma rispettiva tagħhom u għandhom jiġu mehmuża man-nota."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN